# ITTRA ĊIRKULARI

**Data:** 3 ta’ Frar 2020

**Ref:** SIRS 02/2020

**Lil:** Ġenituri tal-Istudenti tal-Iskejjel tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti

**Mingħand:** Raymond Camilleri, Kap, Taqsima tal-Analiżi Interna u Sapport tal-Iskejjel

**Tel:** 2592141

**E-mail:** raymond.j.camilleri@gov.mt

**Suggett: Linji gwida dwar il-Piż u l-Ġarr tal-Basktijiet tal-Iskola**

---

Ir-riċerka fl- iskejjel Maltin matul is-snin uriet li ttoqol tal-basktijiet tal-iskola huwa ta’ problema għat- tfal.

Piż żejjed ta’ basktijiet tal-iskola jista’ jkollu impatt negattiv fuq is-saħħa fiżika u mentali tat-tfal u għalhekk id-Direttorat għal Servizzi Edukattivi ħareg linji gwida għall-iskejjel, l-istudenti u l-ġenituri bil-għan li din il-problema tiġi solvuta.

Fi studji li saru mid-Direttorat tas-Servizzi Edukattivi fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol instab li l-kawżi ta’ piż żejjed fil-basktijiet kienu l-kotba, flimkien ma’ fajls u fliexken tal-ilma. Studenti ukoll jieħdu magħhom oġġetti li mhux relatati mal- iskola u li jżidu l- piż tal-basket.

Il-linji gwida li qed jiġu mehmuża ma’ din iċ-ċirkulari huma intiżi biex joħolqu aktar għarfien dwar din il-problema u aktar important biex joffru eżempji konkreti ta’ kif din il-problema tista’ tittaffa. Għal dan il-għan, il-ġenituri huma mħeġġa biex jagħmlu użu mill-proposti li hemm fil-linji gwida.

Suġġerimenti dwar kif jistgħu jitjiebu dawn l-linji gwida għandhom jiġu indirizzati lil: raymond.j.camilleri@gov.mt sa mhux aktar tard mill-aħħar ta’ April 2020.

Grazzi tal-koperazzjoni u kollaborazzjoni.

**Raymond Camilleri**
**Kap, Taqsima tal-Analiżi Interna u Sapport tal-Iskejjel**